

32004R0709

17.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 111/21

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 709/2004

tas-16 ta' April 2004

## li jistabbilixxi miżuri tranżitorji għas-settur ta' l-inbid bħala riżultat tat-tisħib ta' Malta fl-Unjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat it-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Isovenja u l-Islovakkja, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) ta' l-istess,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Isovenja u l-Islovakkja, u b'mod partikolari l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 41 ta' l-istess,

billi:

- (1) il-Punt B(1) ta' l-Anness VII mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid <sup>(1)</sup> jistabbilixxi li l-ittikkettar ta' Prodotti kif isir fil-Komunità jista' jkun supplimentat b'dettalji, skond kondizzjonijiet li jkunu jridu jiġi determinati, li fil-każ ta' nbejjed tal-mejda b'indikazzjoni ġeografika u nbejjed preġjati psr għandhom jinkludu l-annata u l-isem tal-varjetà tad-dielja jew dwieli. Skond dawk id-disposizzjonijiet, tali dettalji opzjonali jkunu jistgħu jintwerew biss fuq it-tikketta ta' nbejjed preġjati jew inbejjed tal-mejda li jkollhom indikazzjoni ġeografika biss.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2002 tad-29 ta' April 2002 li jistabbilixxi ċerti regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 għar-rigward tad-deskrizzjoni, preżentazzjoni u protezzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur ta' l-inbid <sup>(2)</sup>, fih xi provvedimenti dwar l-indikazzjonijiet li jistgħu jidhru fuq it-tikketta, bħall-annata u l-varjetà tad-dielja użata għall-produzzjoni ta' l-inbid. Skond dawk id-disposizzjonijiet, tali indikazzjonijiet opzjonali jistgħu jintwerew fuq it-tikketti ta' nbid preġjat psr u nbid tal-mejda b'indikazzjoni ġeografika biss.
- (3) Malta tipproduċi u tipprepara biss inbid tal-mejda minn most ta' l-għenba u għeneb provenjenti l-aktar mill-Italja li huwa fil-preżent ittikettat bl-indikazzjoni ta' l-annata u l-varjetà ta' dielja jew dwieli użata.

- (4) Dan il-bdil fl-ittikkettar ta' l-inbid li joriġina jew ikun preparat f'Malta jista' jikkawża telf konsiderevoli għall-produtturi Maltin peress li l-konsumaturi huma mdorrijin bit-tikketti użati fil-preżent li fihom ċertu tagħrif. Sabiex jiġi evitat li jiġi disturbat il-marketing Malti u sabiex issir tranżizzjoni mingħajr intoppi mis-sitwazzjoni ta' bħalissa f'Malta għal dik li tkun skond id-disposizzjonijiet komunitarji dwar it-tikkettar, qiegħda tiġi kkontemplata deroga temporanja mir-Regolamenti (KE) Nru 1493/1999 u (KE) Nru 753/2002 sabiex l-inbejjed Maltin jibqa' jkollhom indikat fuq it-tikketti tagħhom l-annata u l-varjetà ta' dielja u/jew dwieli użati.
- (5) Il-miżuri meħudin b'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni ta' l-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Minkejja dak li jipprovdu l-ewwel u t-tieni inċiżi tal-punt B(1)(b) ta' l-Anness VII mar-Regolament (KEE) Nru 1493/1999, l-inbid li jkun ippreparat jew joriġina minn Malta jista', sat-30 ta' April 2006, juri fuq it-tikketta l-annata u l-isem tal-varjetà ta' dielja jew dwieli użati.

## Artikolu 2

Minkejja dak li jipprovdu l-Artikoli 18 u 19(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 753/2002, l-inbid ipprepat jew li joriġina minn Malta jista', sat-30 ta' April 2006, juri fuq it-tikketta tiegħu l-annata u l-isem tal-varjetà tad-dielja jew dwieli użati.

## Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ soġġett għal u dakinhar tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' tisħib tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Isovenja u l-Islovakkja.

<sup>(1)</sup> ĠU L 179, ta' l-14.7.1999. Ir-Regolament ġie emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1795/2003 (ĠU L 262, ta' l-14.10.2003, pġ. 13).

<sup>(2)</sup> ĠU L 118, ta' l-4.5.2002, p. 1. Ir-Regolament ġie emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 316/2004 (ĠU L 55, ta' l-24.2.2004, pġ. 16).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul Brussel, nhar is-16 ta' April 2004.

*Għall-Kummissjoni*  
Franz FISCHLER  
*Membru tal-Kummissjoni*

---